

# 40 sena ilu...

*minn Frans Sultana*



Erbgħin sena ilu, fil-festa ta' l-1979, l-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen tat bidu għal diversi attivitajiet b'konnessjoni mal-festa fuq inizjattiva tal-Kummissjonijiet tagħha, speċjalment żgħażagħ kif ukoll fuq insistenza u tħabbrik ta' nies oħra. Dan kien bidu tajjeb għax l-istess attivitajiet għadhom jiġu pprattikati sal-ġurnata tal-lum.

Nibda biex insemmi li waħda fost dawk l-aktar popolari mal-partitarji u entużjasti oħra tal-festa kienet l-introduzzjoni ta' dimostrazzjoni bl-istatwa ta' San Pietru fuq il-baħar, il-Ġimgħa l-aħħar jum tat-Tridu, b'akkumpanjament fuq il-baħar mill-istess banda. Wara l-istess statwa kienet tittella' fuq il-pedestall fil-Pjazza tal-Knisja. Din id-drawwa għadha ssir sal-lum għalkemm kellhom isiru xi modifikazzjonijiet li ż-żmien jitlob.

Attivita' oħra kienet dik li għall-ewwel darba sar il-marċ tal-Ħadd filgħodu b'daqq ta' marċi brijużi madwar Birżebbuġa. Din l-attivita' saret fuq inizjattiva u insistenza tal-Kappillan tal-ġurnata, Dun Karm Frendo li ħabrek kemm felaħ sabiex ra dan il-marċ isir. Din l-attivita' mill-ewwel uriet il-popolarita' tagħha bil-parteċipazzjoni ta' diversi żgħażagħ li ħonqu t-triqat bil-briju tagħhom.






Anniversarju ieħor li l-Għaqda Mużikali San Pietru għandha din is-sena huwa dak tal-pubblikazzjoni tal-ktieb tal-festa "Leħen il-Banda" li joħroġ fl-aħħar ġimgħa ta' Lulju fl-okkażżjoni tal-festa titular ta' Birżebbuġa – San Pietru fil-Ktajjen. Bħal kull pubblikazzjonijiet oħra li jiġu ppublikati minn baned oħra madwar Malta u Għawdex, illum dan il-ktieb huwa tant imfittex sew mill-membri tal-Għaqda kif ukoll minn kollezzjonisti oħra ta' kotba simili

madwar Malta u Għawdex. Wieħed għandu japprezza ħafna x-xogħol li kotba bħal dawn jitolbu – informazzjoni dwar il-lokal u dwar l-Għaqda mużikali li tippubblika, flimkien ma' diversi messaġġi minn uffiċjali tal-Kumitat Eżekuttiv u Kummissjonijiet fi ħdan il-Għaqda u min-nies distinti oħra kif ukoll informazzjoni mil-lat mużikali. Ix-xogħol li jikkonsisti fi ġbir tal-messaġġi u l-artikli, flimkien mal-ġbir tar-reklami li bihom il-ktieb jiġi ffinanzjat huma biżżejjed sabiex il-Bord Editorjali jkun okkupat fil-preparazzjoni tiegħu. Barra minhekk wieħed irid japprezza li dan ix-xogħol kollu jsir mill-membri tal-Bord Editorjali b'sagrifiċċju fil-ħin wara x-xogħol mingħajr interess finanzjarju tal-individwi.



Hemm diversi inizjattivi oħra li ttieħdu li għadhom isiru sal-lum u li minn żmien għall-ieħor niftakru fihom. Huwa tajjeb għalhekk li nfakkru t-tbatijiet li dawk ta' qabielna jkunu sofrew fl-imgħoddi sabiex dak li jkunu ggwadanjaw biż-żmien ma nitilfuhx f'kemm trodd salib. Nibżgħu għal dak li għandna u napprezzaw dak kollu li dawk ta' qabilna kienu akkwistaw.

Il-Festa t-tajba lil kull wieħed u waħda f'sens ta' paċi ma' kulħadd.






